

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfiesser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż](#)

Drittijiet tal-vittmi - skont il-pajjiż

Bħala vittma ta' reat, tista' tibbenefika minn għadd ta' drittijiet, u assistenza minn organizzazzjonijiet u awtoritajiet nazzjonali biex jagħtuk parir u jgħinuk. Dawn l-iskedi informattivi jipprovdulek sensiela ta' informazzjoni dwar x'tista' tistenna f'kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea.

Ovvjament, jekk sfajt vittma ta' delitt, trid taħseb dwar jekk trid x tirrappurtah. Jista' jkun li ma tkunx daqshekk ħerqan li tirrappurtah, jew tkun imħasseb dwaru, imma jekk ma tagħmilx rapport ikun hemm inqas probabbiltà li ssir investigazzjoni kriminali u probabbilmint il-persuna li tkun wettqet id-delitt ma tinġiebx quddiem il-ġustizzja. Li tirrapporta delitt jista' jkun importanti wkoll għal raġunijiet prattiċi tiegħek stess, bħal pretensjoni tal-assigurazzjoni.

Sew jekk tirrapporta d-delitt u sew jekk le, jista' jkollok aċċess għal xi drittijiet. Madankollu, mill-mument li tirrapporta d-delitt tista' tibbenefika minn medda ta' drittijiet u minn appoġġ addizzjonali li li kieku ma kinux se jkunu disponibbli għalik. Dan jgħin biex ikun żgurat li int tkun tista' tipparteċipa bis-sħiħ fil-proċeduri u li tifhem dak li jkun qed jiġri. Għandhom l-għan ukoll li jagħmlulek il-proċess kemm jista' jkun faċli.

Meta tirrapporta delitt lill-pulizija, jew mill-iktar fis possibbli wara r-rapport, int għandek l-għażla li tivverfika bir-reqqa xi rwol(i) speċifiku/speċifiċi jista' jkollok fil-proċeduri - bħala vittma, bħala xhud, bħala rikorrent ċivili, bħala parte ċivili, bħala prosekutur privat, eċċ. Dawn ir-rwoli jvarjaw minn pajjiż għal ieħor u uħud minnhom għandhom drittijiet marbuta magħhom li jistgħu jkunu importanti iktar 'il quddiem fil-proċess, pereżempju f'dak li jirrigwarda l-possibbiltà li bħala vittma tappella l-eżitu tal-proċess quddiem il-qorti kriminali. Hejta nota tar-rwoli u tal-iskadenzi waqt li taqra dawn l-iskedi informattivi. Ivverifika mal-pulizija dwar liema huma r-rwoli li jeżistu u l-iskadenzi - jekk ikun hemm - li jeħtieġ li tirrispetta biex tikseb l-istatus rispettiv. Tista' titlob lill-awtoritajiet għal xi kjarifiki sabiex tkun tista' tiddeċiedi dwar kif tista' tiproteġi d-drittijiet u l-interessi legali tiegħek bl-aħjar mod.

Meta tirrapporta delitt, l-awtoritajiet jaħdmu biex issir ġustizzja miegħek u mal-oħrajn. Bħala parti mill-proċess, jista' jkun li l-awtoritajiet jitolbu koperazzjoni attiva min-naħa tiegħek sa ma jintemmu l-proċeduri kriminali u forsi, wara li jintemmu jekk ikun hemm prosekuzzjoni. Għandek rwol importanti f'dawn il-proċeduri u l-assistenza tiegħek tkun apprezzata ħafna.

Il-pulizija jibdeu l-investigazzjoni tagħhom biex jiġbru biżżejjed provi biex iħarrku l-persuna li tkun wettqet id-delitt. Jekk il-persuna titressaq il-qorti u tinstab ħatja l-imħallef jiddetermina wkoll il-penali xierqa għall-awtur tal-ksur.

Bħala vittma int għandek għadd ta' drittijiet iggarantiti mil-liġi, fil-proċeduri kriminali u barra mill-proċeduri kriminali. Barra minn hekk, xi drittijiet tiegħek jistgħu jiġu estiżi għall-membri tal-familja tiegħek u għal qrabatek. L-Unjoni Ewropea ħadet passi biex tiggarrantixxi sett ta' drittijiet minimi u ċerti standards li l-Istati Membri għandhom jallinjaw il-liġijiet tagħhom magħhom.

L-iskedi informattivi li ġejjin għandhom jiggwidawk fl-iktar passi importanti tal-proċeduri kriminali f'kull Stat Membru, billi jispjegaw id-drittijiet li għandek u r-regoli bażiċi li jeħtieġ li ssegwi biex tkun tista' teżerċithom. Din l-informazzjoni m'għandhiex tissostitwixxi parir legali u hija maħsuba biex isservi ta' gwida biss.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Kwalunkwe referenza f'dawn il-fuljetti ta' informazzjoni għal persuna ta' sess maskil għandha titqies ukoll bħala referenza għal persuna ta' sess femminil, u viċe versa, sakemm il-kuntest ma jindikax b'mod ċar xort'oħra.

■ L-aħħar aġġornament: 08/10/2020

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.